Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-22 ta' April, 2013

Numru. 26/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Christopher Lee Gatt**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Lee Gatt detentur tal-karta tal-identita` numru 178799(M).

Akkuzat talli:

Nhar it-12 ta' Settembru, 2008 jew fil-jiem ta' qabel, ta' qabel, ta' ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentament, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-12 ta' Settembru 2008 sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 42(d), 185(2), 108 u 109 tal-Kodici Kriminali, u stante ammissjoni mill-akkuzat tal-ewwel zewg akkuzi u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, ssib lill-imputat Christopher Lee Gatt hati ta' dawn l-akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, filwaqt li tilliberah mit-tielet akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------